MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2006

Citazzjoni Numru. 786/2003

**_P & S Limited_**
**_versus_**
**_Dingli Co. International Limited_ bħala mandatarja tas-soċjetà estera _The Performing Right Society Limited_ ta' Londra, u l-onorevoli Ministru tal-Finanzi u l-Affarijiet Ekonomiċi**

Din is-sentenza hija dwar eċċezzjonijiet preliminari.

Iċ-ċitazzjoni tgħid illi s-soċjetà konvenuta *Dingli Co. Internatnal Limited* bħala mandatarja tas-soċjetà estera *The Performing Right Society* ta' Londra fetħet kawża kontra s-soċjetà attriċi quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar għall-ħlas ta' mija u ħdax-il lira u ħames ċenteżmi (Lm111.05) bħala *royalties* għall-perijodu mis-6 ta' Ġunju 2002 sal-5 ta' Ġunju 2003 u sittax-il lira u sitta u sittin ċenteżmu (Lm16.66) taxxa fuq il-valur miżjud, b'kollox mija u sebgħa u għoxrin lira u wieħed u sebgħin ċenteżmu (Lm127.71). L-attriċi ressqet l-eċċezzjoni, fost oħrajn, illi "s-soċjetà attriċi [konvenuta fil-kawża tallum] għandha ġġib il-prova tat-titolu li qed tivvanta u l-liċenzi relativi sabiex topera fil-ġurisdizzjoni ta' Malta".

It-Tribunal għal Talbiet Żgħar ma jistax jagħti deċiżjoni dwar dik l-eċċezzjoni minħabba nuqqas ta' kompetenza, taħt l-art. 7(2) tal-Kap. 380 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk dak it-tribunal, b'verbal ta' l-1 ta' Lulju 2003, waqqaf il-proċeduri quddiemu għal xahar sabiex is-soċjetà attriċi [konvenuta fil-proċeduri quddiem it-tribunal] tressaq il-pretensjonijiet tagħha quddiem il-qorti kompetenti, u l-attriċi għalhekk fetħet din il-kawża tallum.

L-attriċi qiegħda tgħid illi s-soċjetà konvenuta ma għandhiex jedd illi titlob, tirċievi u taċċetta l-ħlasijiet li qiegħda titlob fil-proċeduri quddiem it-tribunal għax kemm is-soċjetà *Dingli Co. International Limited* kif ukoll is-soċjetà *The Performing Right Society Limited* ma humiex *collecting societies* inkorporati legalment u liċenzjati mill-Ministeru tal-Finanzi u Affarijiet Ekonomiċi, li huwa l-ministeru responsabbli għall-ħarsien tad-drittijiet ta' l-awtur taħt il-Kap. 415 tal-Liġijiet ta' Malta – l-aktar, iżda mhux biss, l-art. 53 ta' dik il-liġi – għax ma humiex soċjetajiet ċivili kif trid il-liġi u, f'kull każ, ma humiex liċenzjati mill-ministeru.

Il-ministeru konvenut, għalkemm responsabbli għall-ħarsien tal-Kap. 415, ma żammx lill-konvenuta milli taħdem bħala *collecting society* f'Malta, għalkemm il-konvenuta ma hijiex inkorporata legalment u liċenzjata taħt dik il-liġi.

L-attriċi għalhekk qiegħda titlob illi din il-qorti:

1. tgħid illi s-soċjetà *Dingli Co. International Limited* bħala mandatriċi [*recte*, mandatarja] tas-soċjetà estera *The Performing Right Society Limited*, kif ukoll din l-aħħar soċjetà, ma humiex *collecting societies* legalment inkorporati u liċenzjati taħt il-Kap. 415 tal-Liġijiet ta' Malta, u għalhekk qegħdin bi ksur tal-liġi jitolbu ħlasijiet ta' *royalties* mingħand l-attriċi fil-proċeduri quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar;
2. tikkundanna lis-soċjetà *Dingli Co. International Limited* bħala mandatarja tas-soċjetà estera *The Performing Right Society Limited* kif ukoll lis-soċjetà *The Performing Right Society Limited* biex ma jkomplux jaħdmu bħala *collecting societies* sakemm ma jkunux għamlu dak li trid il-liġi; u
3. tgħid illi l-konvenut onorevoli Ministru tal-Finanzi u Affarijiet Ekonomiċi naqas milli jagħmel dak li hu meħtieġ

biex iwaqqaf lis-soċjetà konvenuta milli taħdem bħala *collecting society* fil-ġurisdizzjoni ta’ Malta u naqas ukoll milli jieħu l-passi rimedjali taħt il-Kap. 415 tal-liġijiet.

Qiegħda titlob ukoll l-ispejjeż.

Is-soċjetà konvenuta resqet dawn l-eċċezzjonijiet, fost oħrajn:

1. l-azzjoni kif imressqa ma tiswiex għax ma hija msejsa fuq ebda dritt jew azzjoni li tagħti l-liġi, u għalhekk hemm nuqqas ta’ interess ġuridiku fl-attriċi;

2. l-azzjoni kontra l-onorevoli Ministru tal-Finanzi u Affarijiet Ekonomiċi hija *res inter alios acta* għall-attriċi, li għalhekk għandha tinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju, għax il-kwistjoni bejn is-soċjetà attriċi u dik konvenuta hija ta’ natura kummerċjali, u hija l-meritu ta’ proċeduri quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar, u minħabba f’hekk dan il-meritu ma jaqax taħt il-ġurisdizzjoni ta’ din il-Qorti; u

3. l-azzjoni ma tiswiex ukoll għax ma jingħatax appell jew “*judicial review*” minn deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar li ċaħdet eċċezzjoni tas-soċjetà attriċi identika għall-meritu ta’ din il-kawża.

Wara li semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet u rat in-noti ta’ osservazzjonijiet tagħhom dwar dawn l-eċċezzjonijiet, il-qorti sejra issa tgħaddi biex tagħti din is-sentenza dwar dawk l-eċċezzjonijiet.

Il-fatti relevanti fil-qosor huma dawn:

Is-soċjetà konvenuta fetħet kawża quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar kontra s-soċjetà attriċi għall-ħlas ta’ *royalties*. Is-soċjetà attriċi ressqet l-eċċezzjoni illi “s-soċjetà attriċi [konvenuta fil-kawża tallum] għandha ġġib il-prova tat-titolu li qed tivvanta u l-liċenzi relativi sabiex topera fil-ġurisdizzjoni ta’ Malta”. It-tribunal meta ra din l-eċċezzjoni ta dan id-dikriet fis-seduta li saret quddiemu fl-1 ta’ Lulju 2003:

It-tribunal, in vista tar-risposta, fejn qed jingħad illi kellha tinġieb il-prova tat-titolu dwar il-liċenza, jippreferiġġi lill-konvenut terminu ta’ xahar mil-lum sabiex iressaq il-pretensjonijiet tiegħu quddiem il-qorti kompetenti u jissospendi dawn il-proċeduri pendenti li ssir l-azzjoni opportuna.

Is-soċjetà attriċi għalhekk fetħet din il-kawża tallum.

Fid-dawl ta’ dawn il-fatti jidher mill-ewwel illi l-eċċezzjonijiet li qegħdin inqisu llum huma ħżiena, jekk mhux ukoll x’aktarx frivoli.

L-ewwel eċċezzjoni tgħid illi s-soċjetà attriċi ma għandhiex interess fil-proċeduri tallum u illi l-azzjoni ma hijiex imsejsa fuq xi dritt jew azzjoni li tagħti l-liġi.

Is-soċjetà attriċi ressqet eċċezzjoni biex tiddefendi ruħha fil-proċeduri quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar. Lil dak it-tribunal deherlu illi ma kellux is-setgħa li jiddeċiedi dwar dik l-eċċezzjoni, u għalhekk la seta’ jilqagħha u lanqas jiċħadha. Madankollu, l-attriċi għandha interess illi jkollha deċiżjoni fuq il-meritu ta’ dik l-eċċezzjoni, għax, jekk l-eċċezzjoni tintlaqa’, l-azzjoni tas-soċjetà konvenuta kontrieha tieqaf. Għalhekk, biex tikseb deċiżjoni fuq il-meritu ta’ dik l-eċċezzjoni, fetħet din il-kawża quddiem din il-qorti ta’ ġurisdizzjoni residwali.

Fejn hemm interess leġittimu hemm ukoll dritt ta’ azzjoni u għalhekk l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta hija miċħuda.

It-tieni eċċezzjoni trid illi s-soċjetà konvenuta tinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju għax l-azzjoni kontra l-ministru konvenut hija *res inter alios acta* għaliha, u għax il-meritu tal-kwistjoni li għandha mas-soċjetà attriċi qiegħed jinstema’ quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar.

Is-soċjetà attriċi qiegħda titlob *inter alia* illi l-qorti tgħid illi l-ministru konvenut naqas mid-dmirijiet tiegħu meta ma żammx lis-soċjetà konvenuta milli taħdem bi ksur tal-liġi. Din hija ovvjament kwistjoni li tinteressa mhux biss lill-ministru konvenut iżda wkoll lis-soċjetà konvenuta, għax is-soċjetà konvenuta għandha interess illi turi illi hi ma kisret ebda liġi u illi għalhekk il-ministru konvenut ma kellu ebda raġuni biex iżommha. Kien għalhekk illi s-soċjetà attriċi mexxiet kontra ż-żewġ konvenuti, u kien appuntu biex deċiżjoni favuriha u kontra l-ministru ma tkunx *res inter alios acta* quddiem is-soċjetà konvenuta illi ħarrket ukoll lil dik is-soċjetà.

L-argument l-ieħor illi l-meritu tal-kwistjoni bejn is-soċjetà attriċi u dik konvenuta qiegħed jinstema’ quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar ukoll huwa ħażin, għax it-tribunal espressament żamm lura milli jagħti deċiżjoni dwar il-meritu ta’ l-eċċezzjoni li s-soċjetà attriċi ressqet

quddiemu, li huwa l-meritu tal-kawża tallum quddiem din il-qorti.

It-tieni eċċezzjoni wkoll hija għalhekk miċħuda.

It-tielet eċċezzjoni tgħid illi ma jingħatax appell jew "*judicial review*" minn deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar li ċaħdet eċċezzjoni tas-soċjetà attriċi identika għall-meritu ta' din il-kawża.

Din l-eċċezzjoni hija manifestament ħażina għax it-tribunal ma tax deċiżjoni dwar l-eċċezzjoni ta' l-attriċi u għalhekk ma hux minnu li ċaħadha. Għalhekk ma hux il-każ illi din il-qorti qiegħda tintalab tisma' appell minn deċiżjoni bħal dik jew tagħmel stħarriġ dwar il-legalità tagħha. It-tielet eċċezzjoni tal-konvenuta hija mibnija fuq premessa żbaljata u hija għalhekk miċħuda wkoll.

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad l-ewwel tliet eċċezzjonijiet tas-soċjetà konvenuta u tordna illi jitkompla s-smigħ tal-kawża. L-ispejjeż ta' dan l-episodju tħallashom is-soċjetà konvenuta.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------